**136. Il-Prim Ministru ressaq din il-mozzjoni:-**

Din il-Kamra tinnota:

Li l-politika ekonomika u soċjali tal-Gvern hi mmirata biex malajr kemm jista' jkun il-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna titqiegħed fuq sisien sodi u dan billi jonqos l-iżbilanċ annwali fil-finanzi tal-Gvern filwaqt li tiġi ġġenerata l-attivita' ekonomika li għandu bżonn il-pajjiż biex jinħoloq il-ġid u biex dan jitqassam b'ġustizzja soċjali;

Li din il-politika ġiet imwettqa u qiegħda tagħti r-riżultati, tant li dan l-iżbilanċ naqas sostanzjalment fl-ewwel sena tal-Gvern u huwa mistenni li jerġa' jonqos matul din is-sena finanzjarja;

Li l-interess nazzjonali jitlob li kulħadd jagħraf id-dmir li jikkontribwixxi biex pajjiżna jilħaq dawn il-miri finanzjarji u ekonomiċi malajr kemm jista' jkun, u dan biex, fost ħwejjeġ oħra, il-pajjiż ikun jista' jqiegħed il-qasam soċjali fuq livelli sostenibbli, kif ġie spjegat fir-rapport maħruġ mill-Kummissjoni Nazzjonali għar-Riforma tal-Welfare;

Li dan l-interess nazzjonali jqiegħed responsabbilta' kbira fuq l-Oppożizzjoni li sal-lum għażlet li taħsel idejha għall-interessi partiġġjani tagħha u baqgħet tirrifjuta li tagħti s-sehem tagħha ħalli jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi;

Li dan l-istess interess nazzjonali jqiegħed ukoll responsabbilta' kbira fuq l-imsieħba soċjali kollha nklużi l-unions tal-ħaddiema;

Li l-kampanja tal-General Workers Union kontra l-Gvern minħabba l-miżuri mħabbra fil-Budget, hija kampanja irresponsabbli u tista' tkun motivata biss minn raġunijiet politiċi.

Għaldaqstant, din il-Kamra:

Tikkundanna l-aġir ta' l-Oppożizzjoni u tal-General Workers Union li flimkien qegħdin jagħżlu t-triq tat-tfixkil u tal-konfrontazzjoni fil-pjazez minflok li jfittxu dak li huwa fl-interess nazzjonali; u

Tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jwettaq il-politika tiegħu biex il-qagħda finanzjarja tal-pajjiż tibqa' tissaħħaħ; biex din il-politika titwettaq dejjem u l-ħin kollu b'sens ta' ġustizzja soċjali u biex ikompli jfittex dak li hu fl-aħjar interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

06.04.2000